Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,797, 29 ta' Awwissu, 2011
Taqsima B

A.L. 346 tal-2011

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

ATT DWAR L-IBĦRA TERRITORJALI U Ż-ŻONA KONTIGWA (KAP. 226)

ATT DWAR IL-BLATA KONTINENTALI (KAP. 194)

Regolamenti tal-2011 dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 (1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, bl-artikoli 3 (2), 4, 7 (1) tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Blata Kontinentali, bl-artikolu 28 (1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, bl-artikoli 2, 8, 61, 64 u 66 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru flimkien mal-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jistabbilixxu struttura legali għall-ħżin ġeoloġiku mingħajr ħsara għall-ambjent tad-dijossidu tal-karbonju (CO_2) biex jikkontribwixxi għall-ġlieda

kontra t-tibdil fil-klima. L-iskop tal-ħżin ġeoloġiku mingħajr ħsara għall-ambjent tas-CO_2 huwa l-ġbir permanenti tas-CO_2 b'dak il-mod li jipprevjeni u, meta dan ma jkunx possibbli, jelimina kemm jista' jkun l-effetti negattivi u kull riskju għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-29 ta' Awissu, 2011.

Applikabbiltà.

2. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 f' Malta, u fil- Blata Kontinentali fit-tifsira tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS).

(2) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għall-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 bi ħżin totali maħsub ta' inqas minn 100 kilo tunnellata, li jsir għar-riċerka, għall-iżvilupp jew għall-ittestjar ta' prodotti jew proċessi ġodda.

(3) Il-ħżin tas-CO_2 f'sit tal-ħżin b'kumpless għall-ħżin li jestendi lil hinn miż-żona msemmija fis-subregolament (1) m'għandux ikun permess.

(4) Il-ħżin tas-CO_2 fil-kolonna tal-ilma m'għandux ikun permess.

Tifsir.

3. (1) Kemm-il darba ma jiġix stabbilit mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw it-tifsiriet fl-Att.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"l-Awtorità Kompetenti" tfisser l-Uffiċju tal-Prim Ministru, u kull korp ieħor jew persuna li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi u jinnomina bħala l-Awtorità Kompetenti għal finijiet differenti skont dispożizzjonijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif imwaqqfa bl-artikolu 6 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

"bidla sostanzjali" tfisser kull bidla mhux prevista fil-permess għall-ħżin li jista' jkollha effetti sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem;

"esplorazzjoni" tfisser il-valutazzjoni ta' kumplessi tal-ħżin potenzjali għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 permezz ta' attivitajiet li jidħlu fis-sottostrat bħal tħaffir biex jinkiseb tagħrif ġeoloġiku dwar l-istrata fil-kumpless tal-ħżin potenzjali u, jekk ikun il-każ, it-twettiq ta' testijiet tal-injezzjoni biex jiġi karatterizzat is-sit għall-ħżin;

"formazzjoni ġeoloġika" tfisser suddiviżjoni litostratigrafika li fiha jistgħu jinstabu u jiġu indikati strati ta' blat distinti;

"formazzjoni tas-CO_2" tfisser il-volum mifrux tas-CO_2 fil-formazzjoni ġeoloġika;

"għeluq ta' sit tal-ħżin" tfisser it-tmiem definit tal-injezzjoni tas-CO_2 f'dak is-sit tal-ħżin;

"ħżin ġeoloġiku tas-CO_2" tfisser l-injezzjoni li jkollha magħha l-ħżin tan-nixxiegħat tas-CO_2 f'formazzjonijiet ġeoloġiċi taħt l-art;

"il-permess għall-ħżin" tfisser deċiżjoni (jew deċiżjonijiet) bil-miktub u motivata li tawtorizza l-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 f'sit tal-ħżin mill-operatur, u li tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom ikun jista' jsir, maħruġ mill-Awtorità Kompetenti skont il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u kull liġi oħra li tkun tapplika;

"irregolarità sinifikanti" tfisser kull irregolarità fl-operazzjonijiet tal-injezzjoni jew tal-ħżin jew fil-kundizzjoni tal-kumpless għall-ħżin innifsu, li tkun tindika r-riskju ta' tnixxija jew ir-riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem;

"kolonna tal-ilma" tfisser il-massa tal-ilma kontinwa vertikalment mill-wiċċ sas-sedimenti tal-qiegħ tal-ilmijiet;

"kumpless tal-ħżin" tfisser is-sit tal-ħżin u l-oqsma ġeoloġiċi ta' madwar li jistgħu jkollhom effett fuq l-integrità u s-sigurtà kumplessiva tal-ħżin, jiġifieri, formazzjonijiet sekondarji tal-ħżin;

"migrazzjoni" tfisser il-moviment tas-CO_2 ġewwa l-kumpless tal-ħżin;

"miżuri korrettivi" tfisser kull miżura meħuda biex jiġu korretti irregolaritajiet sinifikanti jew biex jingħalqu tnixxijiet sabiex jiġi evitat jew imwaqqaf ir-rilaxx tas-CO_2 mill-kumpless tal-ħżin;

"*network* tat-trasport" tfisser in-*network* ta' pipelines, inklużi l-istazzjonijiet tal-kompressjoni assoċjati, għat-trasport tas-CO_2 sas-sit tal-ħżin.

"nixxiegħa tas-CO_2" tfisser fluss ta' sustanzi li jirriżulta mill-proċessi tal-ġbir tas-CO_2;

"operatur" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika, privata jew pubblika li topera jew tikkontrolla s-sit tal-ħżin jew lil min ikun ġie delegat il-poter ekonomiku deċiżiv fuq il-funzjonament tekniku tas-sit tal-ħżin skont il-liġi li tkun tapplika;

"permess għall-esplorazzjoni" tfisser deċiżjoni bil-miktub u motivata li tawtorizza l-esplorazzjoni, u li tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom tista' tiġi attwata, maħruġa mill-Awtorità Kompetenti skont il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u kull liġi oħra li tkun tapplika;

"riskju sinifikanti" tfisser taħlita ta' probabbiltà li ssir ħsara u l-ammont ta' ħsara li ma tistax tiġi injorata mingħajr ma jitqies l-iskop ta' dawn ir-regolamenti għas-sit tal-ħżin ikkonċernat;

A.L. 337 tal-2001.

"skart" tfisser is-sustanzi mfissra bħala skart fir-regolament 2 tar-Regolamenti tal-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart;

"sit tal-ħżin" tfisser żona ta' volum stabbilit fil-formazzjoni ġeoloġika li tkun tintuza għall-ħzin ġeoloġiku tas-CO_2 u l-faċilitajiet assoċjati tal-wiċċ u tal-injezzjoni;

"tnixxija" tfisser kull rilaxx ta' CO_2 mill-kumpless tal-ħżin;

"unità idrawlika" tfisser spazju poruż b'konnessjoni idrawlika fejn il-komunikazzjoni tal-pressa tkun tista' titkejjel

permezz ta' mezzi tekniċi u li jkun mdawwar minn ostakli għall-flussi, bħal imperfezzjonijiet, depożiti tal-melħ, limiti litoloġiċi, jew minn postijiet fejn il-formazzjoni tkun llevata 'l barra jew maħruġa 'l barra;

"wara l-għeluq" tfisser il-perjodu wara l-għeluq ta' sit tal-ħżin, inkluż il-perjodu ta' wara t-trasferiment tar-responsabbiltà lill-Awtorità Kompetenti.

Għażla tas-siti tal-ħżin.

4. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm id-dritt li tistabbilixxi ż-żoni fit-tifsira tas-subregolament (1) tar-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti li minnhom jistgħu jintgħażlu siti tal-ħżin li jkunu konformi mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u kull liġi oħra li tkun tapplika. Dan jinkludi d-dritt tal-Awtorità Kompetenti li ma tippermetti ebda ħżin f'parti minn jew f'dawk iż-żoni kollha.

(2) L-adegwatezza ta' formazzjoni ġeoloġika għall-użu bħala sit tal-ħżin għandha tiġi stabbilita b'karatterizzazzjoni u valutazzjoni tal-kumpless tal-ħżin potenzjali u ta' madwar skont il-kriterji msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Formazzjoni ġeoloġika għandha tiġi magħżula bħala sit tal-ħżin biss jekk taħt il-kundizzjonijiet tal-użu proposti ma jkun hemm l-ebda riskju sinifikanti ta' tnixxija, u jekk ma jkun jeżisti l-ebda riskju sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa.

Permessi għall-esplorazzjoni.

5. (1) Meta l-Awtorità Kompetenti tiddeċiedi li tkun meħtieġa esplorazzjoni biex tiġi provduta l-informazzjoni meħtieġa għall-għażla ta' siti ta' ħżin skont ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, permess għall-esplorazzjoni maħruġ mill-Awtorità Kompetenti għandu jkun meħtieġ għat-twettiq ta' kull esplorazzjoni. Fejn ikun il-każ, jista' jiġi inkluż monitoraġġ tat-test tal-injezzjoni fil-permess għall-esplorazzjoni.

(2) Il-proċeduri għall-għoti tal-permessi għall-esplorazzjoni għandhom ikunu miftuħa għall-entitajiet kollha li jkollhom il-kapaċitajiet meħtieġa. Il-permessi għandhom jingħataw jew jiġu miċħuda abbażi ta' kriterji oġġettivi, pubblikati u mhux diskriminatorji.

(3) It-tul taż-żmien tal-permess m'għandux jeċċedi l-perjodu meħtieġ biex tiġi mwettqa l-esplorazzjoni li jkun ingħata għaliha. L-Awtorità Kompetenti tista' testendi l-validità tal-permess fejn it-tul ta' żmien stipulat ma jkunx biżżejjed biex

titlesta l-esplorazzjoni konċernata u fejn l-esplorazzjoni tkun ġiet imwettqa skont il-permess. Il-permessi għall-esplorazzjoni għandhom jingħataw fir-rigward ta' żona ta' volum limitat.

(4) L-Awtorità Kompetenti tista' tinkludi fil-permess għall-esplorazzjoni kull kundizzjoni li jidrilha xierqa u opportuna.

(5) Id-detentur ta' permess għall-esplorazzjoni għandu jkollu l-uniku dritt li jesplora l-kumpless ta' ħżin potenzjali tas-CO_2. L-ebda użu konfliġġenti tal-kumpless ma jista' jiġi permess matul il-perjodu ta' validità tal-permess.

Permessi għall- ħżin.

6. (1) L-operat ta' sit tal-ħżin mingħajr permess għall-ħżin għandu jiġi projbit.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' tippermetti operatur wieħed biss għal kull sit tal-ħżin, u l-ebda użu konfliġġenti ma jista' jkun permess fuq is-sit.

(3) Il-proċeduri għall-għoti tal-permessi għall-ħżin għandhom ikunu miftuħa għall-entitajiet kollha li jkollhom il-kapaċitajiet meħtieġa. Il-permessi għandhom jingħataw abbażi ta' kriterji oġġettivi, pubblikati u trasparenti.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u għall-ħtiġiet ta' kull liġi oħra li tista' tkun tapplika, għandha tingħata prijorità lill-għoti ta' permessi għall-ħżin għal sit partikolari lid-detentur ta' permess għall-esplorazzjoni għal dak is-sit:

Iżda, l-esplorazzjoni ta' dak is-sit tkun tlestiet, kull kundizzjoni stabbilita fil-permess għall-esplorazzjoni tkun ġiet osservata, u l-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin tkun saret matul il-perjodu ta' validità tal-permess għall-esplorazzjoni.

(5) Użu konfliġġenti tal-kumpless matul il-proċedura tal-permess huwa projbit.

(6) L-operatur għandu jħallas lill-Awtorità Kompetenti kull spiża maħruġa waqt il-ħruġ tal-permessi għall-ħżin u għar-regolament tal-operat hekk permess.

Applikazzjonijiet għall-permessi għall-ħżin.

7. L-applikazzjonijiet lill-Awtorità Kompetenti għall-permessi għall-ħżin għandhom jinkludu mill-inqas it-tagħrif li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz tal-operatur potenzjali;

(b) prova tal-kompetenza teknika tal-operatur potenzjali;

(ċ) il-karatterizzazzjoni tas-sit u tal-kumpless tal-ħżin u valutazzjoni tas-sikurezza mistennija tal-ħżin taħt is-subregolamenti (2) u (3) tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti;

(d) il-kwantità totali tas-CO_2 li għandha tiġi injettata u maħżuna kif ukoll is-sorsi prospettivi u l-metodi tat-trasport, il-kompożizzjoni tan-nixxiegħat tas-CO_2, ir-rati u l-pressjonijiet tal-injezzjoni, u l-post fejn hemm il-faċilitajiet tal-injezzjoni;

(e) deskrizzjoni tal-miżuri biex jiġu evitati irregolaritajiet sinifikanti;

(f) pjan ta' monitoraġġ propost taħt is-subregolament (2) tar-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti;

(ġ) pjan ta' miżuri korrettivi propost taħt is-subregolament (2) tar-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti;

(h) pjan proviżorju ta' wara l-għeluq propost taħt is-subregolament (3) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti;

(i) l-informazzjoni provduta taħt ir-regolament 5 tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali; A.L. 114 tal-2007.

(j) prova li l-garanzija finanzjarja jew mezz ieħor ekwivalenti kif meħtieġ taħt ir-regolament 19 ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun valida u effettiva qabel il-bidu tal-injezzjoni.

8. L-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ permess għall-ħżin biss jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin: Kundizzjonijiet għall-permessi għall-ħżin.

(a) l-Awtorità Kompetenti, abbażi tal-applikazzjoni preżentata taħt ir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull tagħrif ieħor rilevanti, tkun sodisfatta li:

(i) kull ħtieġa rilevanti ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull liġi rilevanti oħra jkunu ntlaħqu;

(ii) l-operatur ikun f'qagħda finanzjarja soda u teknikament kompetenti u affidabbli biex jopera u jikkontrolla s-sit u li jkun provdut l-iżvilupp u t-taħriġ professjonali u tekniku tal-operatur u tal-istaff kollu;

(iii) fil-każ ta' aktar minn sit wieħed tal-ħżin fl-istess unità idrawlika, l-interazzjonijiet tal-pressjoni potenzjali jkunu b'dak il-mod li ż-żewġ siti jkunu jistgħu simultanjament jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull liġi oħra li tista' tkun tapplika; u

(b) l-Awtorità Kompetenti tkun ikkunsidrat kull opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-permess li jkun inħareġ skont ir-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti.

Kontenut tal-permessi għall-ħżin.

9. Il-permess għandu jinkludi minn tal-inqas dan li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz tal-operatur;

(b) il-lokalizzazzjoni u d-delimitazzjoni preċiża tas-sit tal-ħżin u tal-kumpless tal-ħżin, u tagħrif dwar l-unità idrawlika;

(ċ) il-ħtiġiet għall-operazzjoni tal-ħżin, il-kwantità totali ta' CO_2 awtorizzata li tiġi maħżuna ġeoloġikament, il-limiti tal-pressjoni tal-ġibjun, u r-rati u l-pressjonijiet massimi ta'injezzjoni;

(d) l-ħtiġiet għall-kompożizzjoni tan-nixxiegħa tas-CO_2 u l-proċedura ta' aċċettazzjoni tan-nixxiegħa tas-CO_2 taħt ir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti, u, jekk ikun meħtieġ, ħtiġiet oħra għall-injezzjoni u l-ħżin b'mod partikolari biex ma jitħallewx isiru irregolaritajiet sinifikanti;

(e) il-pjan ta' monitoraġġ approvat, l-obbligazzjoni li jiġi implimentat il-pjan u l-ħtiġiet għall-aġġornament tiegħu taħt ir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti kif ukoll il-ħtiġiet ta' rappurtaġġ taħt ir-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti;

(f) l-ħtieġa li tiġi avżata l-Awtorità Kompetenti fil-każ ta' tnixxijiet jew irregolaritajiet sinifikanti, il-pjan ta' miżuri korrettivi approvat u l-obbligazzjoni li jiġi implimentat il-pjan ta'miżuri korrettivi fil-każ ta' tnixxijiet jew irregolaritajiet sinifikanti taħt ir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti;

(ġ) l-kundizzjonijiet għall-għeluq u l-pjan proviżorju ta' wara l-għeluq approvat imsemmi fir-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti;

(h) kull dispożizzjoni dwar bidliet, reviżjoni, aġġornament u rtirar tal-permess għall-ħżin taħt ir-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti;

(i) l-ħtieġa li tiġi stabbilita' u miżmuma l-garanzija finanzjarja jew kull ekwivalent ieħor skont ir-regolament 19 ta' dawn ir-regolamenti.

Reviżjoni tal-Kummissjoni tal-abbozzi tal-permessi għall-ħżin.

10. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel l-applikazzjonijiet għall-permess disponibbli għall-Kummissjoni fi żmien xahar minn meta tkun rċevithom. L-Awtorità Kompetenti għandha wkoll tagħmel disponibbli materjal relatat ieħor li għandu jiġi meqjus mill-Awtorità Kompetenti meta din tkun ser tieħu deċiżjoni dwar l-għoti ta' permess għall-ħżin. L-Awtorità Kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bl-abbozzi tal-permessi għall-ħżin kollha, u b'kull materjal ieħor meqjus meta jiġi adottat l-abbozz tad-deċiżjoni.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tinforma bid-deċiżjoni finali lill-Kummissjoni, u fejn tkun tvarja mill-opinjoni li tkun ingħatat mill-Kummissjoni, hi għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Tibdil, reviżjoni, aġġornament u rtirar tal-permess għall-ħżin.

11. (1) L-operatur għandu jinforma lill-Awtorità Kompetenti b'kull bidla ppjanata fl-operazzjoni tas-sit tal-ħżin, inkluż tibdil li jkun jinvolvi l-operatur. Fejn xieraq, l-Awtorità Kompetenti għandha taġġorna l-permess għall-ħżin jew il-kundizzjonijiet tal-permess.

(2) Ebda bidla sostanzjali ma tista' tiġi implimentata mingħajr il-ħruġ ta' permess għall-ħżin ġdid jew aġġornat skont dawn ir-regolamenti. Punt 10 tal-Iskeda 1A li tinsab mar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali dwar tibdil jew estensjonijiet għal proġetti approvati għandu japplika *mutatis mutandis* f'każijiet bħal dawn.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha tirrivedi u fejn meħtieġ taġġorna jew, jekk ma jistax isir mod ieħor, tirtira l-permess għall-ħżin:

(a) jekk tkun ġiet avżata jew tkun inġibdet lilha l-attenzjoni bi tnixxijiet jew kull irregolarità sinifikanti

skont is-subregolament (1) tar-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) jekk ir-rapporti preżentati skont ir-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti jew l-ispezzjonijiet ambjentali mwettqa skont ir-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti jkunu juru nuqqas ta' ħarsien għall-kundizzjonijiet tal-permess jew riskji ta' tnixxijiet jew irregolaritajiet sinifikanti;

(ċ) jekk tkun konxja b'xi nuqqas ieħor mill-operatur li jilħaq il-kundizzjonijiet tal-permess;

(d) jekk ikun jidher li dan ikun neċessarju abbażi tal-aktar sejbiet xjentifiċi u progress teknoloġiku riċenti; jew

(e) mingħajr preġudizzju għall-paragrafi (a) sa (d) ta' dan is-subregolament, ħames snin wara l-ħruġ tal-permess u wara, kull għaxar snin.

(4) Wara li jiġi rtirat permess skont is-subregolament (3) ta dan ir-regolament, l-Awtorità Kompetenti għandha jew toħroġ permess għall-ħżin ġdid jew tagħlaq is-sit tal-ħżin skont il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti. Sakemm ma jkunx inħareġ permess għall-ħżin ġdid, l-Awtorità Kompetenti għandha temporanjament twettaq l-obbligi legali kollha relatati mal-kriterji ta' aċċettazzjoni meta l-Awtorità Kompetenti tiddeċiedi li l-injezzjonijiet tas-CO_2, il-monitoraġġ u l-miżuri korrettivi ma jitwaqqfux skont il-ħtiġiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, iċ-ċediment tal-kwoti f'każijiet ta' tnixxija taħt ir-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, u azzjoni preventiva u ta' rimedju taħt ir-regolamenti 6 u 7 tar-Regolamenti tal-2008 dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali. L-Awtorità Kompetenti għandha tirkupra kull spiża magħmula mingħand l-operatur preċedenti anki billi tagħmel użu mill-garanzija finanzjarja msemmija fir-regolament 19 ta' dawn ir-regolamenti. Fil-każ tal-għeluq tas-sit tal-ħżin taħt is-subregolament (1) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti, għandu japplika s-subregolament (4) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti.

A.L. 140 tal-2005.

A.L. 126 tal-2008.

Kriterji u l-proċedura tal-aċċettazzjoni tan-nixxiegħa tas-CO_2.

12. (1) Nixxiegħa tas-CO_2 għandha tikkonsisti kważi għal kollox f'dijossidu tal-karbonju. Għal dan il-għan, l-ebda skart jew ħaġa oħra ma jistgħu jiġu miżjuda sabiex dak l-iskart jew ħaġa oħra jiġu mormija. Madankollu, nixxiegħa tas-CO_2 jista' jkun fiha sustanzi li jkunu assocjati b'mod supplimentari mis-sors, mill-ġbir jew mill-proċess tal-injezzjoni u sustanzi ta' traċċi miżjuda

biex jgħinu fil-monitoraġġ u l-verifika tal-migrazzjoni tas-CO_2. Il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi kollha supplimentari u miżjuda għandhom ikunu anqas minn livelli li:

(a) jkunu jaffettwaw b'mod ħażin l-integrità tas-sit għall-ħżin jew l-infrastruttura tat-trasport rilevanti;

(b) jkunu ta' riskju sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem; jew

(ċ) ikunu jiksru l-ħtiġiet tal-liġi Komunitarja li tkun tapplika.

(2) L-operatur għandu:

(a) jaċċetta u jinjetta biss nixxigħat tas-CO_2 jekk ikunu twettqu analiżi tal-kompożizzjoni, inklużi s-sustanzi korrużivi, tan-nixxigħat, u stima tar-riskju, u jekk l-istima tar-riskju turi li l-livelli ta' kontaminazzjoni jkunu skont il-kundizzjonijiet imsemmija fis-subregolament (1) ta dan ir-regolament;

(b) iżomm reġistru tal-kwantitajiet u l-karatteristiċi tan-nixxiegħat tas-CO_2 li jkunu konsenjati u injettati, inkluża l-kompożizzjoni ta' dawk in-nixxiegħat.

Monitoraġġ.

13. (1) L-operatur għandu jwettaq monitoraġġ tal-faċilitajiet ta' injezzjoni, tal-kumpless tal-ħżin (anki fejn possibbli tal-formazzjoni tas-CO_2), u fejn xieraq tal-ambjent tal-madwar għall-fini ta':

(a) qbil bejn il-kumpless attwali u dak immuddellat tas-CO_2 u ilma ta' formazzjoni, fis-sit tal-ħżin;

(b) identifikazzjoni ta' irregolaritajiet sinifikanti;

(ċ) identifikazzjoni ta' migrazzjoni ta' CO_2;

(d) identifikazzjoni ta' tnixxija tas-CO_2;

(e) identifikazzjoni ta' effetti ta' ħsara sinifikanti għall-ambjent tal-madwar, anki b'mod partikolari fuq l-ilma tax-xorb, għall-popolazzjonijiet tal-bnedmin, jew għall-utenti tal-bijosfera tal-madwar;

(f) valutazzjoni tal-effettività ta' kull miżura korrettiva meħuda skont ir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti;

(ġ) aġġornament tal-valutazzjoni tas-sigurtà u l-integrità tal-kumpless tal-ħżin fil-perjodu qasir u dak fit-tul, inkluża l-valutazzjoni jekk is-CO_2 maħżun ikunx se jkun miżmum għal kollox u b'mod permanenti.

(2) Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' monitoraġġ imfassal mill-operatur skont il-ħtiġiet stabbiliti fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, inklużi dettalji dwar il-monitoraġġ skont il-linji gwida stabbiliti taħt ir-regolament 13 tar-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, preżentat lill-Awtorità Kompetenti u approvat minnha skont il-paragrafu (f) tar-regolament 7 u skont il-paragrafu (e) tar-regolament 9 (5) ta' dawn ir-regolamenti. Il-pjan għandu jiġi aġġornat skont il-ħtiġiet stabbiliti fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u f'kull każ kull ħames snin biex jitqies t-tibdil għar-riskju vvalutat ta' tnixxija, tibdil fir-riskji stmati għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, tagħrif xjentifiku ġdid, u titjib fl-aħjar teknoloġija disponibbli. Għandhom jiġu preżentati mill-ġdid pjanijiet aġġornati għall-approvazzjoni lill-Awtorità Kompetenti.

Rappurtaġġ mill-operatur.

14. L-operatur għandu jippreżenta lill-Awtorità Kompetenti, bi frekwenza li għandha tiġi stabbilita mill-Awtorità Kompetenti, u f'kull każ mill-inqas darba f'sena:

(a) ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ taħt ir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti fil-perjodu tar-rappurtaġġ inkluż it-tagħrif dwar it-teknoloġija tal-monitoraġġ li tkun tintuża;

(b) il-kwantitajiet u l-karatteristiċi tan-nixxigħat tas-CO_2 ikkonsenjati u injettati, inkluża l-kompożizzjoni ta' dawk in-nixxigħat, fil-perjodu tar-rappurtaġġ, reġistrati skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) prova tat-twaqqif u taż-żamma tal-garanzija finanzjarja taħt ir-regolament 19 u taħt il-paragrafu (i) tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti;

(d) kull tagħrif ieħor li l-Awtorità Kompetenti tqis rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ħarsien għall-kundizzjonijiet tal-permess għall-ħżin u taż-żjieda fit-tagħrif dwar il-kumpless tas-CO_2 fis-sit tal-ħżin.

Spezzjonijiet.

15. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha torganizza sistema ta' spezzjonijiet ta' rutina jew mhux ta' rutina tal-kumplessi tal-ħżin kollha għall-fini ta' dawn ir-regolamenti għall-finijiet ta' verifika u biex iħeġġu l-ħarsien għall-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u tal-monitoraġġ tal-effetti fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem.

(2) L-ispezzjonijiet għandhom jinkludu attivitajiet bħal żjarat tal-istallazzjonijiet tal-wiċċ, inklużi l-faċilitajiet ta' injezzjoni, il-valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' injezzjoni u ta' monitoraġġi mwettqa mill-operatur, u l-verifika tar-reġistri kollha rilevanti miżmuma mill-operatur.

(3) L-ispezzjonijiet ta' rutina għandhom jitwettqu mill-inqas darba fis-sena sa tliet snin wara l-għeluq u kull ħames snin sa meta jseħħ it-trasferiment tar-responsabbiltà lill-Awtorità Kompetenti. L-Awtorità Kompetenti għandha teżamina il-faċilitajiet ta' injezzjoni u ta' monitoraġġ rilevanti kif ukoll il-firxa sħiħa tal-effetti rilevanti mill-kumpless tal-ħżin fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem.

(4) L-ispezzjonijiet mhux ta' rutina għandhom jitwettqu:

(a) jekk l-Awtorità Kompetenti tkun ġiet avżata jew tkun ġiet mgħarrfa bi tnixxijiet jew b'irregolaritajiet sinifikanti skont s-subregolament (1) tar-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) jekk ir-rapporti skont ir-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti jkunu wrew nuqqas ta' ħarsien għall-kundizzjonijiet tal-permess;

(ċ) biex jiġu investigati lmenti serji relatati mal-ambjent jew mas-saħħa tal-bniedem;

(d) f'sitwazzjonijiet oħra fejn l-Awtorità Kompetenti tqis li dan ikun xieraq.

(5) Wara kull spezzjoni, l-Awtorità Kompetenti għandha tipprepara rapport dwar ir-riżultati tal-ispezzjoni. Ir-rapport għandu jevalwa l-ħarsien għall-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u jindika jekk tkunx meħtieġa jew le azzjoni oħra. Ir-rapport għandu jiġi nfurmat lill-operatur ikkonċernat u għandu jkun disponibbli pubblikament skont il-liġi Komunitarja rilevanti fi żmien xahrejn mill-ispezzjoni.

Miżuri f'każ ta' tnixxijiet jew irregolaritajiet sinifikanti.

16. (1) F'każ ta' tnixxijiet jew irregolaritajiet sinifikanti l-operatur għandu jinforma minnufih lill-Awtorità Kompetenti u jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa inklużi miżuri li jkollhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Fil-każijiet ta' tnixxijiet u irregolaritajiet sinifikanti li jimplikaw ir-riskju ta' tnixxija, l-operatur għandu jinforma wkoll lill-Awtorità skont ir-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra.

(2) Il-miżuri korrettivi msemmija fis-subregolament (1) għandhom jittieħdu bħala minimu abbażi ta' pjan ta' miżuri korrettivi preżentat lill-Awtorità Kompetenti u approvat minnha skont il-paragrafu (ġ) tar-regolament 7 u skont il-paragrafu (f) tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' f'kull waqt teħtieġ lill-operatur biex jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa kif ukoll il-miżuri relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Dawn jistgħu jkunu supplimentari għal jew differenti minn dawk stabbiliti fil-pjan ta' miżuri korrettivi. L-Awtorità Kompetenti tista' wkoll f'kull waqt tieħu miżuri korrettivi hi stess.

(4) Jekk l-operatur jonqos milli jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa hi stess.

(5) L-Awtorità Kompetenti għandha tiġbor l-ispejjeż li jkunu ntnefqu fir-rigward tal-miżuri msemmija fis-subregolamenti (3) u (4) ta' dan ir-regolament mingħand l-operatur anki bl-użu tal-garanzija finanzjarja skont ir-regolament 19 ta' dawn ir-regolamenti.

Obbligazzjonijiet tal-għeluq u ta' wara l-għeluq.

17. (1) Sit tal-ħżin għandu jingħalaq:

(a) jekk il-kundizzjonijiet rilevanti dikjarati fil-permess jkunu ntlaħqu;

(b) fuq talba motivata tal-operatur, wara awtorizzazzjoni tal-Awtorità Kompetenti; jew

(ċ) jekk l-Awtorità Kompetenti tiddeċiedi hekk wara l-irtirar ta' permess għall-ħżin skont is-subregolament (3) tar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Wara li sit tal-ħżin jingħalaq skont il-paragrafi (a) jew (b) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, l-operatur

jibqa' responsabbli għall-monitoraġġ, għar-rappurtaġġ, u għall-miżuri skont il-ħtiġiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, u għall-obbligazzjonijiet kollha relatati maċ-ċediment tal-kwoti f'każ ta' tnixxijiet skont ir-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, u azzjonijiet preventivi u ta' rimedju skont ir-regolamenti 6 u 7 tar-Regolamenti tal-2008 dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali, sakemm ir-responsabbiltà għas-sit tal-ħżin tiġi trasferita lill-Awtorità Kompetenti taħt is-subregolamenti (1) sa (5) tar-regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti. L-operatur għandu wkoll ikun responsabbli għall-issiġillar tas-sit tal-ħżin u t-tneħħija tal-faċilitajiet ta' injezzjoni.

(3) L-obbligazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament għandhom jintlaħqu abbażi ta' pjan ta' wara l-għeluq imfassal mill-operatur ibbażat fuq l-aħjar prattika u skont il-ħtiġiet stabbiliti fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Il-pjan proviżorju ta' wara l-għeluq għandu jiġi preżentat lill-Awtorità Kompetenti u jiġi approvat minnha taħt il-paragrafu (h) tar-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti u taħt il-paragrafu (ġ) tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti. Qabel l-għeluq ta' sit tal-ħżin skont il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, il-pjan proviżorju ta' wara l-għeluq għandu jkun:

(a) aġġornat kif meħtieġ, filwaqt li tingħata mportanza għall-analiżi tar-riskju, l-aħjar prattika u t-titjib teknoloġiku;

(b) preżentat lill-Awtorità Kompetenti għall-approvazzjoni tagħha; u

(ċ) approvat mill-Awtorità Kompetenti bħala l-pjan ta' wara l-għeluq definittiv.

(4) Wara li sit tal-ħżin jingħalaq skont il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità Kompetenti għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ u l-miżuri korrettivi skont il-ħtiġiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti u għall-obbligazzjonijiet kollha relatati maċ-ċediment tal-kwoti fil-każ ta' tnixxija skont ir-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, u għall-azzjoni preventiva u ta' rimedju skont ir-regolamenti 6 (1) u 7 (1) tar-Regolamenti tal-2008 dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali. Il-ħtiġiet ta' wara l-għeluq skont dawn ir-regolamenti għandhom jintlaħqu mill-Awtorità Kompetenti abbażi

tal-pjan proviżorju ta' wara l-għeluq imsemmi fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, li għandu jkun aġġornat kif meħtieġ.

Trasferiment ta' responsabbiltà.

18. (1) Meta sit tal-ħżin jingħalaq taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti, l-obbligazzjonijiet legali kollha relatati mal-monitoraġġ u l-miżuri korrettivi skont il-ħtiġiet stabbiliti skont dawn ir-regolamenti, iċ-ċediment tal-kwoti f'każijiet ta' tnixxija skont ir-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, u l-azzjoni preventiva u ta' rimedju skont ir-regolamenti 6 (1) u 7 (1) tar-Regolamenti tal-2008 dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali, għandhom jiġu trasferiti lill-Awtorità Kompetenti fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba mill-operatur kemm-il darba l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu rispettati:

(a) l-evidenza disponibbli kollha tkun tindika li s-CO_2 maħżun ser ikun miżmum għal kollox u tkun b'mod permanenti;

(b) perjodu minimu, li għandu jiġi stabbilit mill-Awtorità Kompetenti, jkun għadda. Dan il-perjodu minimu m'għandux ikun inqas minn 20 sena, sakemm l-Awtorità Kompetenti ma tkunx konvinta li l-kriterju msemmi fil-paragrafu (a) jkun intlaħaq qabel ikun għadda dan il-perjodu;

(ċ) l-obbligi finanzjarji msemmija fir-regolament 20 jkunu ntlaħqu;

(d) is-sit ikun ġie siġġillat u l-faċilitajiet ta' injezzjoni jkunu tneħħew.

(2) L-operatur għandu jħejji rapport li jkollu fih l-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament tkun intlaħqet u għandu jippreżentah lill-Awtorità Kompetenti sabiex din tal-aħħar tapprova t-trasferiment tar-responsabbiltà. Dan ir-rapport għandu juri, minn tal-inqas:

(a) il-qbil bejn il-kumpless attwali tas-CO_2 injettat u l-kumpless immudellat;

(b) in-nuqqas ta' xi tnixxija li tista' tiġi rilevata;

(ċ) li s-sit għall-ħżin jkun qiegħed jevolvi lejn sitwazzjoni ta' stabbiltà fit-tul.

(3) Meta l-Awtorità Kompetenti tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ikunu ntlaħqu, hi għandha tħejji abbozz ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni tat-trasferiment tar-responsabbiltà. L-abbozz tad-deċiżjoni għandu jispeċifika l-metodu biex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (d) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ikunu ntlaħqu kif ukoll kull ħtieġa aġġornata għall-issiġġillar tas-sit għall-ħżin u għat-tneħħija tal-faċilitajiet ta' injezzjoni. Jekk l-Awtorità Kompetenti tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma jkunux intlaħqu, hi għandha tinforma lill-operatur bir-raġunijiet tagħha.

(4) Meta l-Awtorità Kompetenti tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ikunu ntlaħqu, hi għandha tadotta d-deċiżjoni finali u tavża b'dik id-deċiżjoni lill-operatur. L-Awtorità Kompetenti għandha wkoll tinforma bid-deċiżjoni finali lill-Kummissjoni, u fejn tkun tvarja mill-opinjoni li tkun ingħatat mill-Kummissjoni, hi għandha tagħti r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

(5) Wara t-trasferiment tar-responsabbiltà l-ispezzjonijiet ta' rutina stabbiliti fis-subregolament (3) tar-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jieqfu u l-monitoraġġ jista' jitnaqqas għal livell li jippermetti li jinstabu tnixxijiet jew irregolaritajiet sinifikanti. Jekk jinstabu xi tnixxijiet jew irregolaritajiet sinifikanti, l-monitoraġġ għandu jiġi intensifikat kif meħtieġ biex jevalwa l-kobor tal-problema u l-effikaċja ta' miżuri korrettivi.

(6) F'każijiet fejn ikun hemm nuqqas min-naħa tal-operatur, inklużi każijiet ta' *data* mhix tajba biżżejjed, ħabi ta' tagħrif rilevanti, negliġenza, ingann bi ħsieb jew nuqqas fl-eżerċizzju ta' diliġenza xierqa, l-Awtorità Kompetenti għandha tiġbor mingħand l-operatur preċedenti l-ispejjeż li jkunu ntnefqu wara li jkun seħħ it-trasferiment tar-responsabbiltà. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 20 ta' dawn ir-regolamenti, m' għandu jkun hemm l-ebda ġbir ieħor tal-ispejjeż preċedenti wara t-trasferiment tar-responsabbiltà.

(7) Fejn sit tal-ħżin jingħalaq skont il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti, it-trasferiment tar-responsabbiltà għandu jitqies li jkun seħħ jekk u meta l-evidenza kollha disponibbli tkun tindika li s-CO_2 maħżun se jkun miżmum għal kollox u b'mod permanenti, u wara li s-sit ikun ġie issiġillat u l-faċilitajiet ta' injezzjoni jkunu ġew imneħħija.

Garanzija finanzjarja.

19. (1) L-operatur potenzjali għandu jagħti prova, bħala parti mill-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin, li jistgħu jkunu stabbiliti dispożizzjonijiet adegwati, bħala garanzija finanzjarja jew kull mezz ekwivalenti ieħor, abbażi ta' arranġamenti li għandhom jiġu deċiżi mill-Awtorità Kompetenti, li jistgħu jinkludu strumenti ta' garanzija finanzjarja, garanziji bankarji u polza ta' assigurazzjoni adegwata, sabiex jiġi żgurat li l-obbligazzjoni kollha li tirriżultaw mill-permess maħruġ skont dawn ir-regolamenti, inklużi ħtiġiet tal-għeluq u ta' wara l-għeluq, kif ukoll kull obbligazzjoni li tirriżulta mill-inklużjoni tas-siti għall-ħżin skont ir-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra jistgħu jintlaħqu. Din is-sigurtà finanzjarja għandha tkun valida u effettiva qabel il-bidu tal-injezzjoni.

(2) Il-garanzija finanzjarja għandha tiġi modifikata perjodikament biex jiġi kkunsidrat t-tibdil għar-riskju valutat ta' tnixxija u l-ispejjeż stmati tal-obbligazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-permess maħruġ skont dawn ir-regolamenti, inkluża kull obbligazzjoni li tkun tirriżulta mill-inklużjoni tas-sit għall-ħżin skont ir-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra.

(3) Il-garanziji finanzjarji jew kull mezz ekwivalenti ieħor imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom jibqgħu validi u effettivi:

(a) wara li sit tal-ħżin jingħalaq skont il-paragrafi (a) jew (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ir-responsabbiltà għas-sit tal-ħżin tiġi trasferita lill-Awtorità Kompetenti skont is-subregolamenti (1) sa (5) tar-regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) wara l-irtirar ta' permess għall-ħżin skont is-subregolament (3) tar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti:

(i) sakemm jinħareġ permess għall-ħżin ġdid;

(ii) fejn is-sit jingħalaq taħt il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti, sakemm isir it-trasferiment tar-responsabbiltà skont is-subregolament (8) tar-regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda, l-obbligi finanzjarji msemmija fir-regolament 20 ta' dawn ir-regolamenti jkunu ntlaħqu.

Mekkaniżmu finanzjarju.

20. (1) L-operatur għandu, abbażi tal-arranġamenti dettaljati li għandhom ikunu deċiżi mill-Awtorità Kompetenti, iqiegħed kontribuzzjoni finanzjarja għad-dispożizzjoni tal-Awtorità Kompetenti qabel ma jkun sar it-trasferiment tar-responsabbiltà skont ir-regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti. Il-kontribuzzjoni mill-operatur għandha tqis dawk il-kriterji msemmija fl-Ewwel Skeda ta' dawn ir-regolamenti u l-elementi li għandhom x'jaqsmu mar-rekord tal-ħżin tas-CO_2 rilevanti biex ikunu stabbiliti l-obbligi ta' wara t-trasferiment, u għandha tkopri mill-inqas l-ispiża antiċipata ta' monitoraġġ għal perjodu ta' 30 sena. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tintuża biex tkopri l-ispejjeż li jkunu ntnefqu mill-Awtorità Kompetenti wara t-trasferiment tar-responsabbiltà sabiex ikun żgurat li s-CO_2 ikun miżmum għal kollox u b'mod permanenti u f'siti għall-ħżin ġeoloġiku wara t-trasferiment tar-responsabbiltà.

Reġistri.

21. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm:

(a) reġistru tal-permessi għall-ħżin li jkunu ngħataw; u

(b) reġistru permanenti ta' kull sit tal-ħżin magħluq u tal-kumplessi tal-ħżin tal-madwar, inklużi mapep u taqsimiet li juru safejn dawn ikunu jwasslu u tagħrif disponibbli rilevanti biex jiġi valutat li s-CO_2 maħżun ser ikun miżmum għal kollox u b'mod permanenti.

(2) L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandha tikkunsidra r-reġistri msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament fil-proċeduri ta' pjanar rilevanti u meta tippermetti xi attività li tista' taffettwa lil jew tiġi affettwata mill-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 fis-siti tal-ħżin reġistrati.

Tagħrif għall-pubbliku.

22. L-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku t-tagħrif ambjentali relatat mal-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 skont il-liġi Komunitarja li tkun tapplika.

Linji gwida.

23. L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ linji gwida f'dak li għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Ordnijiet ta' ħarsien.

24. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ ordni ta' ħarsien kontra kull min ikun, fil-fehma tagħha, kiser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi kundizzjoni ta' liċenza jew awtorizzazzjoni maħruġa skonthom.

(2) Kull min jonqos milli jħares id-dispożizzjonijiet ta' xi ordni ta' ħarsien maħruġa mill-Awtorità għandu, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra skont dawn ir-regolamenti, taħt l-Att jew xi liġi oħra, jkun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u ta' mhux iżjed minn sittin elf euro (€60,000) għal kull ġurnata li matulha jkompli dak in-nuqqas.

Reati.

25. (1) Kull min jikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi kundizzjoni tal-permess jew ta' liċenza jew ta' xi awtorizzazzjoni jew approvazzjoni maħruġa skonthom, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn disgħa u sittin elf euro (€69,000) jew ta' elf u tliet mitt euro(€1,300) għal kull ġurnata li matulha jkompli dak ir-reat.

(2) Kull min, meta tenħtieġ jew tintalab informazzjoni dwar dawn ir-regolamenti mill-Awtorità, xjentement jew volontarjament -

(a) jagħti informazzjoni falza, mhux eżatta jew li tqarraq;

jew

(b) jipprovdi informazzjoni mhux kompluta; jew

(ċ) jonqos, mingħajr ebda kawża raġonevoli, milli jipprovdi l-informazzjoni mitluba fiż-żmien mogħti lilu; jew

(d) jipprevjeni jew ifixkel xi investigazzjoni; jew

(e) iġib jew jipprovdi, jew jikkaġuna jew xjentement jippermetti li jinġieb jew jiġi provdut, xi dokument jew informazzjoni li jkun jaf li tkun falza f'xi aspett materjali,

jkun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u ta' mhux iżjed minn sittin elf euro (€60,000) għal kull ġurnata li matulha jkompli dak ir-reat.**L-**

EWWEL SKEDA

Regolament 4 (2)

KRITERJI GĦALL-KARATTERIZZAZZJONI U L-VALUTAZZJONI TAL-KUMPLESS GĦALL-ĦŻIN POTENZJALI U TAŻ-ŻONA TAL-MADWAR IMSEMMIJA FIR- REGOLAMENT 4 (2)

Il-karatterizzazzjoni u l-valutazzjoni tal-kumpless tal-ħżin potenzjali u taż-żona tal-madwar imsemmija fir-regolament 4(2) għandhom jitwettqu fi tliet partijiet skont l-aħjar prattika fil-ħin tal-valutazzjoni u l-kriterji li ġejjin. Jistgħu jkunu permessi derogi minn wieħed jew aktar minn dawn il-kriterji mill-Awtorità Kompetenti kemm-il darba li l-operatur juri li l-kapaċità tal-karatterizzazzjoni u l-valutazzjoni li jippermettu d-determinazzjonijiet skont ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti ma tiġix affettwata.

Parti 1: Il-ġbir tad-data

Għandha tiġi akkumulata biżżejjed data biex jinbena mudell tal-art volumetriku u statiku tridimensjonali (3-D) għas-sit tal-ħżin u għall-kumpless tal-ħżin inkluża l-blata tal-wiċċ (caprock) u l-madwar, inklużi l-oqsma konnessi idrawlikament. Din id-data għandha tkopri mill-inqas il-karatteristiċi intrinsiċi tal-kumpless għall-ħżin li ġejjin:

(a) il-ġeoloġija u l-ġeofiżika;

(b) l-idroġeoloġija (b'mod partikolari l-eżistenza ta' ilma ta' taħt l-art intenzjonat għall-konsum);

(ċ) l-inġinerija tal-ġibjuni (inklużi kalkoli volumetriċi tal-volum tal-pori għall-injezzjoni tas- CO_2 u l-kapaċità tal-ħżin, finali);

(d) il-ġeokimika (rati ta' xoljiment, ir-rati tal-mineralizzazzjoni);

(e) il-ġeomekkanika (il-permeabbiltà, il-pressjoni tal-qsim);

(f) is-siżmiċità;

(ġ) il-preżenza u kundizzjoni ta' passaġġi naturali jew magħmula mill-bniedem inklużi bjar u spiri li jistgħu jipprovdu passaġġi għat-tnixxijiet;

Il-karatteristiċi li ġejjin tal-viċinanza kumplessa għandhom jiġu dokumentati:

(h) l-oqsma li jkunu madwar il-kumpless tal-ħżin li jistgħu jiġu affettwati mill-ħżin tas- CO_2 fis-sit tal-ħżin;

(i) id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni fir-reġjun sovrastanti s-sit tal-ħżin;

(j) il-viċinanza għal riżorsi naturali ta' valur (inklużi b'mod partikolari ż-żoni tan-Natura 2000 skont id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-abitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ilma ta' taħt l-art tax-xorb u idrokarboni);

(k) l-attivitajiet madwar il-kumpless għall-ħżin u l-interazzjonijiet possibbli ma' dawn l-attivitajiet (eż. l-esplorazzjoni, il-produzzjoni u l-ħżin tal-idrokarboni, l-użu ġeotermali ta' blat li jżomm fih ħafna ilma u l-użu tar-riżervi tal-ilma ta' taħt l-art);

(l) il-viċinanza għas-sors(i) potenzjali ta' CO_2 (inklużi stimi tal-massa totali potenzjali tas- CO_2 ekonomikament disponibbli għall-ħżin) u n-networks adatti tat-trasport.

Parti 2: Bini tal-mudell tal-art ġeoloġiku statiku tridimensjonali

Permezz tad-data miġbura fil-Parti 1, għandu jinbena mudell tal-art ġeoloġiku statiku tridimensjonali, jew sett ta' dawn it-tip ta' mudelli, tal-kumpless tal-ħżin kandidat inkluż il-blat tal-wiċċ (caprock) u ż-żoni u fluwidi konnessi idrawlikament bl-użu ta' simulaturi kompjuterizzati tal-ġibjuni. Il-mudell(i) tal-art ġeoloġiku / ġeoloġiċi statiku/statiċi għandu/għandhom jikkaratterizza(w) il-kumpless f'termini ta':

(a) l-istruttura ġeoloġika tas-sifun fiżiku;

(b) il-karatteristiċi ġeomekkaniċi, ġeokimiċi u tal-fluss tal-piż sovrastmat tal-ġibjun (il-blata tal-wiċċ, is-siġilli, l-orizzonti poruż u permeabbli) u l-formazzjonijiet tal-madwar;

(ċ) il-karatterizzazzjoni tas-sistema tal-ksur u l-preżenza ta' kull passaġġ magħmul mill-bniedem;

(d) l-estensjoni mill-medda u mill-għoli tal-kumpless tal-ħżin;

(e) il-volum tal-ispazju tal-pori (inkluża d-distribuzzjoni tal-porożità);

(f) id-distribuzzjoni bażi tal-fluwidi;

(ġ) kull karatteristiċi oħra rilevanti.

L-inċertezza assoċjata ma' kull wieħed mill-parametri użati biex jinbena l-mudell għandha tiġi valutata billi jiġu żviluppati firxa ta' xenarji għal kull parametru u billi jiġu kkalkulati l-limiti adegwati ta' fiduċja. Kull inċertezza assoċjata mal-mudell innifsu għandha wkoll tiġi valutata.

Parti 3: Karatterizzazzjoni tal-kumpless dinamiku tal-ħżin, karatterizzazzjoni tas-sensittività, l-istima tar-riskju

Il-karatterizzazzjoni u l-istima għandhom ikuni bbażati fuq l-immudellar dinamiku, li jikkonsisti varjetà ta' simulazzjonijiet tal-mument tal-injezzjoni tas-CO_2 fis-sit tal-ħżin bl-użu tal-mudell tal-art ġeoloġiku statiku tridimensjonali fis-simulatur kompjuterizzat tal-kumpless tal-ħżin mibni skont il-Parti 2.

Parti 3.1: Karatterizzazzjoni tal-kumpless dinamiku tal-ħżin

Għandhom jitqiesu minn tal-inqas il-fatturi li ġejjin:

(a) ir-rati possibbli ta' injezzjoni u l-karatteristiċi ta' nixxigħat tas-CO_2;

(b) l-effikaċja tal-immudellar tal-proċess akkoppjat (eż. l-mod kif effetti uniċi varji fis-simulatur(i) jinteraġixxu);

(ċ) il-proċessi reattivi (jiġifieri l-mod kif ir-reazzjonijiet tas-CO_2 injettat mal-minerali in situ jirriżultaw fil-mudell);

(d) is-simulatur tal-ġibjun użat (simulazzjonijiet multipli jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jivvalidaw ċerti sejbiet);

(e) is-simulazzjonijiet fil-qosor u fit-tul (biex jiġi stabbilit l-eżitu u l-kumpless tas-CO_2 matul id-deċenji u l-millenji inkluża r-rata ta' dissoluzzjoni tas-CO_2 fl-ilma).

L-immudellar dinamiku għandu jipprovdi tagħrif dwar:

(f) il-pressjoni u t-temperatura tal-formazzjoni tal-ħżin bħala funzjoni tar-rata ta' injezzjoni u l-ammont ta' injezzjoni kumulattiv tul iż-żmien;

(ġ) il-wisa' u l-għoli tas-CO_2 maż-żmien;

(h) in-natura tal-fluss tas-CO_2 fil-ġibjun inkluż il-kumpless tal-faża;

(i) il-mekkaniżmi tal-ġbir u r-rati tas-CO_2 (inklużi punti ta' tnixxija u siġilli laterali u vertikali);

(j) is-sistemi sekondarji ta' ġbir fil-kumpless kollu tal-ħżin;

(k) il-kapaċità tal-ħżin u l-gradjenti tal-pressjoni fis-sit tal-ħżin;

(l) ir-riskju ta' qsim tal-formazzjoni(jiet) tal-ħżin u tal-ġebla tal-wiċċ;

(m) ir-riskju tad-dħul tas-CO_2 fil-ġebla tal-wiċċ;

(n) ir-riskju ta' tnixxija mis-sit għall-ħżin (eż. minn ġo bjar abbandunati jew mhux issiġillatti b'mod xieraq);

(o) ir-rata tal-migrazzjoni (f'ġibjuni miftuħa);

(p) ir-rati tal-issiġillar tal-qsim;

(q) il-bdil fil-kimika fil-likwidi tal-formazzjoni(jiet) u r-reazzjonijiet sussegwenti tal-formazzjoni(jiet) (eż. bidla fil-pH, fil-formazzjoni minerali) u inklużjoni ta' mmudellar reattiv biex jiġu valutati l-effetti;

(r) l-ispostament tal-likwidi tal-formazzjoni.

(s) aktar siżmiċità u elevazzjoni fil-livell tal-wiċċ.

Parti 3.2: Il-karatterizzazzjoni tas-sensittività

Is-simulazzjonijiet multipli għandhom isiru biex tiġi identifikata s-sensittività tal-istima għal assunzjonijiet magħmula dwar parametri partikolari. Is-simulazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq parametri li jinbidlu fil-mudell(i) tal-art ġeoloġiku/ġeoloġiċi statiku/statiċi, u funzjonijiet ta' rati u ta' assunzjonijiet li jinbidlu fl-eżerċizzju dinamiku ta' mudellar. Kull sensittività sinifikanti għandha titqies fl-istima tar-riskju.

Parti 3.3: L-istima tar-riskju

L-istima tar-riskju għandha tinkludi, *inter alia*, dan li ġej:

3.3 1. Il-karatterizzazzjoni tal-periklu

Il-karatterizzazzjoni tal-periklu għandha ssir billi jiġi kkaratterizzat il-potenzjal tat-tnixxija mill-kumpless tal-ħżin, kif stabbilit permezz tal-immudellar dinamiku u l-karatterizzazzjoni tas-sikurezza deskritti aktar 'il fuq. Dan għandu jinkludi l-konsiderazzjoni ta' inter alia:

(a) il-passaġġi ta' tnixxija potenzjali;

(b) il-kobor potenzjali ta' avvenimenti ta' tnixxija għal passaġġi ta' tnixxija identifikati (ir-rati tal-fluss);

(ċ) il-parametri kritiċi li jaffettwaw it-tnixxija potenzjali (eż. l-pressjoni massima tal-ġibjun, ir-rata massima ta' injezzjoni, it-temperatura, is-sensittività għal assunzjonijiet varji fil-mudell(i) tal-art ġeoloġiku/ġeoloġiċi statiku/statiċi eċċ.;

(d) l-effetti sekondarji tal-ħżin tas-CO_2 inklużi likwidi tal-formazzjoni spostati u sustanzi ġodda maħluqa mill-ħżin tas-CO_2;

(e) kull fattur ieħor li jista' jkun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent (per eżempju strutturi fiżiċi assoċjati mal-proġett).

Il-karatterizzazzjoni tal-periklu għandha tkopri l-firxa sħiħa ta' kundizzjonijiet potenzjali tal-operat biex tiġi ttestjata s-sigurtà tal-kumpless tal-ħżin.

3.3.2. L-istima tal-esponiment — ibbażata fuq il-karatteristiċi tal-ambjent u d-distribuzzjoni u l-attivitajiet tal-popolazzjoni tal-bniedem fuq il-kumpless tal-ħżin, u l-kumpless u l-eżitu potenzjali tas-CO_2 li jnixxi minn passaġġi potenzjali identifikati fil-Parti 3.3.1.

3.3.3. L-istima tal-effetti — ibbażata fuq is-sensittività ta' speċji, komunitajiet jew ambjenti naturali partikolari konnessa ma' avvenimenti ta' tnixxija potenzjali identifikati fil-Parti 3.3.1. Meta ikun rilevanti hija għandha tinkludi l-effetti tal-esponiment għal konċentrazzjonijiet għolja ta' CO_2 fil-bijosfera (inkluż ħamrija, sedimenti tal-baħar u ilmijiet bentiċi (*asphyxiation; hypercapnia*) u pH imnaqqas f'dawk l-ambjenti minħabba tnixxija ta' CO_2). Hija għandha tinkludi wkoll stima tal-effetti ta' sustanzi oħra li jistgħu jkunu preżenti fi tnixxijiet minn nixxigħat ta' CO_2 (jew impurezzi preżenti fin-nixxiegħa tal-injezzjoni jew sustanzi ġodda ffurmati permezz tal-ħżin tas-CO_2). Dawn l-effetti għandhom jitqiesu fuq firxa ta' skali abbażi taż-żmien u l-post, u konnessi ma' firxa ta' kobor differenti ta' avvenimenti ta' tnixxija.

3.3.4. Il-karatterizzazzjoni tar-riskju — din għandha tikkonsisti minn valutazzjoni tas-sikurezza u tal-integrità tas-sit fiż-żmien qasir jew fit-tul, inkluża stima tar-riskju ta' tnixxija taħt il-kundizzjonijiet proposti ta' użu, u tal-agħar impatti ambjentali u għas-saħħa. Il-karatterizzazzjoni tar-riskju għandha titwettaq fuq bażi tal-istima tal-periklu, tal-esponiment u tal-effetti. Għandha tinkludi stima tas-sorsi ta' inċertezza identifikati matul il-passi ta' karatterizzazzjoni u valutazzjoni tas-sit tal-ħżin u fejn ikun vijabbli, deskrizzjoni tal-possibbiltajiet biex titnaqqas l-inċertezza.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 13(2)

KRITERJI GĦALL-ISTABBILIMENT U L-AĠĠORNAMENT TAL-PJAN TA' MONITORAĠĠ IMSEMMI FIR-REGOLAMENT 13(2) U GĦALL-MONITORAĠĠ TA' WARA L-GĦELUQ.

L-istabbiliment u l-aġġornament tal-pjan ta' monitoraġġ

Il-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fir-regolament 13(2) għandu jiġi stabbilit abbażi tal-analiżi tal-istima tar-riskju mwettqa fil-Parti 3 tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u aġġornat bl-iskop li jintlaħqu l-ħtiġiet ta' monitoraġġ stabbiliti fl- regolament 13(1) li jkunu konformi mal-kriterji li ġejjin:

1.1. L-istabbiliment tal-pjan

Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jipprovdi d-dettalji tal-monitoraġġ li għandu jsir fl-istadji prinċipali tal-proġett, inklużi l-monitoraġġ tal-linja bażi, il-monitoraġġ operattiv, u l-monitoraġġ ta' wara l-għeluq. Dawn li ġejjin għandhom jiġu speċifikati għal kull fażi:

(a) il-parametri mmonitorjati;

(b) it-teknoloġija ta' monitoraġġ użata u l-ġustifikazzjoni għall-għażla tat-teknoloġija;

(ċ) il-lokazzjonijiet tal-monitoraġġ u l-motivazzjoni wara t-teħid ta' kampjuni minn postijiet differenti;

(d) il-frekwenza tal-applikazzjoni u l-motivazzjoni wara t-teħid ta' kampjuni fi żminijiet differenti. Il-parametri li għandhom jiġu mmonitorjati huma identifikati sabiex jitwettqu l-għanijiet tal-monitoraġġ. Madankollu, il-pjan għandu f'kull każ jinkludi monitoraġġ kontinwu jew intermittenti tal-oġġetti li ġejjin:

(e) l-emissjonijiet tas-CO_2 li jaħarbu mill-faċilità tal-injezzjoni;

(f) il-fluss volumetriku tas-CO_2 fil-bokki tal-injezzjoni (injection wellheads);

(ġ) il-pressjoni u t-temperatura tas-CO_2 fil-bokki tal-injezzjoni (injection wellheads) (biex jiġi ddeterminat il-fluss tal-massa);

(h) l-analiżi kimika tal-materjali injettati;

(i) it-temperatura u l-pressjoni tal-ġibjun (biex jiġu ddeterminati l-kumpless u l-istat tas-CO_2 waqt il-faża). L-għażla tat-teknoloġija tal-monitoraġġ għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar prattika disponibbli fiż-żmien tad-disinn. L-alternattivi li ġejjin għandhom jitqiesu u jiġu użati kif xieraq:

(j) it-teknoloġiji li jistgħu jindividwaw il-preżenza, il-lok u l-passaġġi ta' migrazzjoni tas-CO_2 taħt il-wiċċ u fil-wiċċ;

(k) it-teknoloġiji li jipprovdu tagħrif dwar il-kumpless tal-pressjoni/volum u d-distribuzzjoni tas-saturazzjoni fil-wisa' u fl-għoli tal-formazzjoni tas-CO_2 biex tkun irfinuta s-simulazzjoni numerika 3-D għall-mudelli ġeoloġiċi 3-D tal-formazzjoni tal-ħżin stabbiliti skont ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti u tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(l) it-teknoloġiji li jistgħu jipprovdu firxa wiesgħa fil-wisa' sabiex jinġabar it-tagħrif dwar kull passaġġi ta' tnixxija li ma jkunux ġew individwati qabel matul id-dimensjonijiet fil-wisa' tal-kumpless tal-ħżin komplut u lil hinn, f'każ ta' irregolaritajiet sinifikanti jew migrazzjoni tas-CO_2 barra mill-kumpless tal-ħżin.

1.2. L-aġġornament tal-pjan

Id-data miġbura mill-monitoraġġ għandha tiġi mqabbla u tiġi interpretata. Ir-riżultati osservati għandhom jiġu mqabbla mal-kumpless imbassar fis-simulazzjoni dinamika tal-kumpless pressjoni/volum u saturazzjoni 3-D magħmula fil-kuntest tal-karatterizzazzjoni tas-sikurezza taħt ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti 4 u Parti 3 tal-Ewwel Skeda. Fejn ikun hemm devjazzjoni sinifikanti bejn il-kumpless osservat u dak imbassar, il-mudell 3-D għandu jiġi kalibrat mill-ġdid biex jirrifletti l-kumpless osservat. Il-kalibrazzjoni mill-ġdid għandha tkun ibbażata fuq l-osservazzjonijiet tad-data mill-pjan ta' monitoraġġ, u fejn ikun meħtieġ biex tippermetti fiduċja fl-assunzjonijiet tal-kalibrazzjoni mill-ġdid, għandha tinkiseb data addizzjonali.

Parti 2 u 3 tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu ripetuti bl-użu tal-mudell(i) 3-D ikkalibrat(i) mill-ġdid sabiex jiġu ġġenerati xenarji tal-periklu u ta' rati tal-fluss ġodda u biex tiġi riveduta u aġġornata l-istima tar-riskju.

Fejn jiġu identifikati sorsi tas-CO_2, passaġġi u rati tal-fluss ġodda jew jiġu identifikati devjazzjonijiet sinifikanti osservati minn stimi preċedenti bħala riżultat tat-tqabbil tal-istorja u l-kalibrazzjoni mill-ġdid tal-mudell, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi aġġornat kif meħtieġ.

2. Il-monitoraġġ ta' wara l-għeluq

Il-monitoraġġ ta' wara l-għeluq għandu jkun ibbażat fuq it- tagħrif miġbur u mmudellat matul l-implimentazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fir-regolament 13(2) u aktar 'il fuq fil-punt 1.2 ta' din l-Iskeda. Għandu jservi b'mod partikolari biex jiġi pprovdut tagħrif meħtieġ għad-determinazzjoni tar-regolament 18(1).